# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.6

**Kap 3 : Ġesu fostna**

**Lezzjoni 3.6: Mill-fqir għall-għaref**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

1. jisimgħu l-istorja tal-Maġi skont San Mattew;

2. jaraw xi informazzjoni dwar il-Maġi u jiddiskutu l-importanza tagħhom.

**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Il-*powerpoint*: Mill-Fqir għall-Għaref;
- Il-kanzunetta *We three kings*:

  https://www.youtube.com/watch?v=sJpecRI_0wY



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda billi tispjega li l-Vanġelu skont San Mattew jitkellem dwar tliet għorrief li ġew jaraw lil Ġesù.



- Staqsi:
    - Min kienu dawn il-Maġi u minn fejn ġew?
    - Jekk il-kewkba mexxiethom sa Betlem għaliex waqfu għand is-sultan Erodi ?
    - X'għamel Erodi meta sema' li twieled is-sultan tal-Lhud? Għaliex?
    - X'kienu jfissru r-rigali li l-Maġi taw lil Ġesù? (id-deheb – biex jagħrfu lil Ġesu bħala Sultan, inċens – biex jagħrfuh bħala Alla u mirra biex jagħrfuh bħala dak li kellu jbati!)

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Islet kemm tista' informazzjoni mingħand it-tfal.
- Uri l-powerpoint Mill-Fqir Għall-Għaref. Barra l-ġrajja tal-Maġi hemm punti ta' riflessjoni dwar min kienu l-Maġi u x' kienu jfissru r-rigali li taw lil Ġesù.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)



1. Il-Maġi kienu għorrief u kienu bravi ħafna.
2. Huma kienu ġejjin minn pajjiżi 'l bogħod.
3. Huma ħallew lill-kewkba tmexxihom.
4. Huma waslu ħdejn Ġesù u tawh ir-rigali tagħhom.
5. Alla ma riedx li Ġesù jispiċċa għand Erodi u għalhekk uriehom f'ħolma minn fejn kellhom jgħaddu.
6. Huma ġabu r-rigali tagħhom li kienu speċjali – id-deheb, l-inċens u l-mirra.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

F'dan il-Milied, it-tfal juru li jħobbu tassew billi jagħmlu dak li jkun hem bżonn, anke meta dan ma jkunx jogħġobhom. Tajjeb li jistaqsu lilhom infushom: "Illum x'hemm bżonn li nagħmlu?"



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Il-kanzunetta *We three kings*:

[https://www.youtube.com/watch?v=sJpecRI_0wY](https://www.youtube.com/watch?v=sJpecRI_0wY)



## Nitolbu

Ġesù, ħafna drabi nixtieq li nkun għaref bħal Maġi. Il-kewkba tiegħi li twassalni għandek nixtieq li nibqa' nsegwiha tul ħajti kollha ħalli b'hekk qatt ma ninfired minnek.

